MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI
## MAGISTRAT DR.
## GABRIELLA VELLA

Seduta tal-25 ta' Jannar, 2015

Numru. 78/2015

**Il-Pulizija**
**(Spettur Victor Aquilina)**

**Vs**

**Weleed Saleh Hamed**

**Il-Qorti,**

Rat l-akkuzi migjuba fil-konfront ta' Weleed Saleh Hamed ta' sitta u ghoxrin (26) sena iben Saleh u Amna imwieled l-Eritrea fl-14 ta' April 1988, residenti gewwa t-Tent Village ta' Hal Far u detentur tan-numru moghti mill-Pulizija ta' Malta 14E-253:

1. Talli fl-24 ta' Jannar 2015 u fil-jiem ta' qabel f'dawn il-gzejjer iffalsifika, biddel jew ghamel xi tibdil f'Passaport jew uza jew kellu fil-pussess tieghu xi Passaport li hu kien jaf li gie iffalsifikat, imbiddel jew sar xi tibdil fih f'isem Farah Zakaria bin-numr 52353475 bi vjolazzjoni ta' l-Artikolu 5 tal-Kap.61 tal-Ligijiet ta' Malta;
2. Kif ukoll talli matul l-istess zmien, lok u cirkostanzi ghamel falsifikazzjoni ohra jew xjentement ghamel uzu minn xi dokument iehor iffalsifikat, fid-dokument hawn fuq imsemmi, bi vjolazzjoni ta' l-Artikolu 189 tal-Kap, 9 tal-Liġijiet ta' Malta;
3. Kif ukoll talli matul l-istess zmien, lok u cirkostanzi iffalsifika xi dokument jew kopja vera ta' dokument jew registrazzjoni maghmula skond l-Att dwar l-Immigrazzjoni bi vjolazzjoni ta' l-Artikolu 32(1)(d) tal-Kap.217 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat id-dokumenti esebiti fl-atti ta' dawn il-proceduri;

Rat li l-imputat irregistra ammissjoni fi stadju bikri ta' dawn il-proceduri liema ammissjoni giet ikkonfermata mill-istess imputat wara li l-Qorti a tenur ta' l-Artikolu 453(1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, avzatu bil-konsegwenzi legali ta' dik l-ammissjoni u ikkoncedietlu zmien bizzejjed biex jerga' jikkonsidra t-twegiba tieghu u jerga' lura minnha;

Semghet is-sottomissjonijiet dwar il-piena.

**Ikkunsidrat:**

L-imputat qed jigi akkuzat talli: (1) fl-24 ta' Jannar 2015 u fil-jiem ta' qabel f'dawn il-gzejjer iffalsifika, biddel jew ghamel xi tibdil f'Passaport jew uza jew kellu fil-pussess tieghu xi Passaport li hu kien jaf li gie iffalsifikat, imbiddel jew sar xi tibdil fih f'isem Farah Zakaria bin-numr 52353475 bi vjolazzjoni ta' l-Artikolu 5 tal-Kap.61 tal-Ligijiet ta' Malta; kif ukoll talli (2) matul l-istess zmien, lok u cirkostanzi ghamel falsifikazzjoni ohra jew xjentement ghamel uzu minn xi dokument iehor iffalsifikat, fid-dokument hawn fuq imsemmi, bi vjolazzjoni ta' l-Artikolu 189 tal-Kap, 9 tal-Liġijiet ta' Malta; kif ukoll talli (3) matul l-istess zmien, lok u cirkostanzi iffalsifika xi dokument jew kopja vera ta' dokument jew registrazzjoni maghmula skond l-Att dwar l-Immigrazzjoni bi vjolazzjoni ta' l-Artikolu 32(1)(d) tal-Kap.217 tal-Ligijiet ta' Malta.

L-imputat ammetta ghall-akkuzi dedotti fil-konfront tieghu u fid-dawl ta' tali ammissjoni l-Qorti ssibu hati ta' tali akkuzi.

Ghall-finijiet ta' piena l-Qorti hadet in konsiderazzjoni l-ammissjoni bikrija ta' l-imputat u c-cirkostanzi li wasslu biex l-imputat wettaq ir-reati addebitati lilu u minnu ammessi.

Ghaldaqstant wara li rat u kkunsidrat l-Artikolu 5 tal-Kap.61 tal-Ligijiet ta' Malta, l-Artikolu 189 tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta' Malta u l-Artikolu 32(1)(d) tal-Kap.217 tal-Ligijiet ta' Malta, filwaqt li ttenni li qed issib lill-imputat hati ta' l-akkuzi kolha dedotti kontra tieghu, il-Qorti tikkundannah ghal sitt (6) xhur prigunerija, izda peress illi fil-fehma Taghha fic-cirkostanzi ta' dan il-kaz jissussitu ragunijiet validi in bazi ghal liema tali terminu ta' prigunerija jigi sospiz ai termini tal-Ligi, fosthom il-fatt li l-imputat irregistra ammissjoni bikrija u c-cirkostanzi li wassluh biex wettaq ir-reati addebitati lilu u minnu ammessi, a tenur ta' l-Artikolu 28A tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta' Malta tissosspendi dan it-terminu ta' sitt (6) xhur prigunerija ghal perijodu ta' sena (1) b'effett millum.

A tenur ta’ l-Artikolu 28(A)(4) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta l-Qorti spiegat lill-imputat bi kliem car ir-responsabilità tieghu taht l-Artikolu 28B tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta jekk huwa jikkommetti, matul il-perijodu operattiv ta’ din is-sentenza sospiza, reat li ghalih hemm piena ta’ prigunerija.

Ai termini ta’ l-Artikolu 534AD tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta’ Malta, il-Qorti infurmat lill-imputat bid-dritt tieghu li jinghata kopja tas-sentenza f’lingwa li jifhem, izda l-imputat iddikjara li huwa sodisfatt bit-traduzzjoni orali li nghatatlu tas-sentenza waqt is-seduta tal-lum.

## < Sentenza Finali >

--------------------------------TMIEM--------------------------------